Kitba li dahlet ghall-konkors Kitba Dwar Folklor,taqsima Tfal ipprezentata mill-Boys'Sec.School,Zebbug,Malta.

# TIFKIRIET TA' L-IMGHODDI

minn Ronald Fenech

Informazzjoni migbura minn ghand Marija Scicluna ta' 72 sena minn Hal Qormi.

M'ilux wisq, nhar il-Gimgha l-Kbira, mort inzur lill-habiba tan-nanna tieghi, mara anzjana, ta' 72 sena. Damet l-isbah siegha tirrakkontali dwar zoghzitha, li zgur ma kienetx hajja facli. Anzi, skond ma qaltli hi, aktar ma kienu jkunu maghkusin, aktar kienu jsibu x'jitfaghhom lura. Dan li ser insemmi qalituli kollu hi, u l-mara li ser insemmi hija ommha, li ilha mejta 23 sena.

Hafna mill-antiki kienu jghixu fil-faqar kbir; uhud min-nisa kienu jitilfu lil zwieghom kmieni. Darba kienhemm wahda mara li tilfet lil zewgha kmieni. Dak iz-zmienma kienx hemm il-qligh li hawn illum, u din il-mara kellha familja ta' tnax min-nies. Ghalhekk kellha tmur tfittex xi xoghol biex tiekol hi u wliedha

Darba, din il-mara kienet harget b'karrettun ta' l-idejn tbiegh xi haga tal-haxix. Inzerta kienhemm pulizzija li wahhalha gurnata habs fuq sold qargha, ghax tant kienet fqira li ma kellhiex mnejn thalla tmintax irbieghi biex tiffranka l-habs. Peress li kienet ghadha kemm kella tifel, riedet tiehdu maghha l-habs biex treddghu. Waqt li kienet il-habs, talbet lil wahda soru biex taghtiha ftit mishun ghat-tifel, izda s-soru qaltilha li ma kienx hemm mishun. Meta harget mill-habs, il-mara marret id-dar, izda l-ghada sabet lit-tarbija mejta.

Din l-istess mara qattghet hajjitha f'faqar kbir. Tant kienet fqira, li meta t-tfal kienu jaghmlu l-precett, hi kienet tibghathom b'qorqa wahda. Dan il-faqar geghlha tghaddi hajja mizerabbli.

Il-foqra kienu kollha juzaw il-musbieh; min kien jista' kien jixtri musbieh tal-fuhhar, izda min kien ikun batut kien isib bott tal-landa u jpoggih quddiem il-Madonna. Is-sinjuri kien ikollhom musbieh sabih; kienu jixtru bit-tlietiet u bil-habbiet. Fil-gwerra l-kbira, dik il-mara inkisrilha t-tubu u ma kellhiex biex tixtri iehor, ghalhekk qalghet il-ftila u poggietha go flixkun.